# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 82/2014/VG**

**I.G. Enterprises Limited (C-18849) u**
**Ivan ZAMMIT (K.I. Nru. 479166M)**

**vs**

**Galea Insurance Brokers (C-12858)**
**Mediterranean Insurance Brokers Limited (C-3540)**
**U b'digriet moghti fis-27 ta' Novembru, 2014 gew kjamati in kawza s-socjetajiet**
**Lloyds Malta Limited (C-24284) u**
**MIB Insurance Agency Limited (C-42111)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-6 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' tlett elef mitejn tnejn u tletin euro u tmenin centezmi ta' euro [€3,232.80c] u dan wara li ppremettew hekk:

"Illi, l-atturi flimkien u solidalment bejniethom qeghdin jitolbu il-hlas tas-somma ta' tlett elef mitejn u tnejn u tletin Ewro u tmenin centezmu (€3,232.80) rapprezentanti danni li ggarfu mis-socjeta mittenti bhala l-assigurata taghkom in kwantu proprjetarja tal-opra tal-bahar bl-isem Eezee 1, li ghandha in-numru ta' registrazzjoni S-18724, tal-ghamla Petecraft grp 30 u li hija mghamra b'zewg magni tat-tip 2011 Suzuki 300HP outboard koperta b'polza ta' assigurazzjoni li ggib in-numru 001835-CCC-003, valida mit-3 ta' Gunju, 2012 sat-2 ta' Gunju, 2013, kopja ta' liema polza qeghda tigi hawn annessa bhala Yacht & Motor Boat Insurance Certificate and Schedule u mmarkata bhala Dok A u c-certifikat bin-numru MIB 1437 li qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B

Illi, liema opra tal-bahar kienet involuta f'incident marittimu nhar it-13 ta' Ottubru, 2012 u liema tort tal-incident huwa attribwibbli fl-interezza kollhu tieghu lil-terzi, separatament intimati, u dan skond l-istqarrija tal-kaptan ta' Eezee 1, Gilbert Bugeja, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 147475M u residenti gewwa 22, Sehaven Apartments, Triq is-Simar, Xemxija, kopja ta' liema stqarrija qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok. C;

Illi fl-incident hawn suriferit l-opra tal-bahar ggarfet hsarat estensivi fil-magni taghha u l-ammont precitat jikkorrispondi ghall-ammont tat-tiswijiet tal-magni imsemmija u dan skond rapport mahrug minn Strand Marine & Auto Systems Limited tal-25 ta' Frar, 2013, kopja ta' liema rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. D;

Illi, riferenza issir ukoll ghal korrispondenza mibghuta minn Josef Galea impjegat tas-socjeta intimata Mediterranean Insurance Brokers Limited, fil-vesti ta' Senior Claims Executive tal-21 ta' Gunju 2013 fejn issir offerta minghajr pregudizzju ta' elf mitejn disa' w tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€1,239.66), liema

somma tirraprezenta bilanc ta' somma akbar li minnhom tnaqqsu l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) f'excess u erba' mija tlieta u disghin Ewro u erbatax il-centezmu (€439.14) f'Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema korrispondenza qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. E;

Illi, l-offerta surriferita ghal hlas tal-ammont kif likwidat bl-ammonti ivi imnaqqsa ma kenitx accettabli u dana ghas-segwenti ragunijiet:

a) Li l-assigurat taghkom I.G. Enterprises Limited hija koperta b'polza t'assigurazzjoni fully comprehensive ghal valur komplessiv ta' hamsa u disghin elf Ewro (€95,000); u
b) It-tort kollhu tal-incident huwa attribwibbli interament lill-terzi involuti u ghalhekk l-excess m'ghandux jithallas mis-socjeta mittenti jew xort' ohra tigi rifuza f'data indikata minnkhom

Illi, it-terzi koinvolti fl-incident, l-atturi huma konxji li huma l-assigurati tas-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ukoll;

Illi, inoltre s-socjetajiet konvenuti jinsabu moruzi ukoll a tenur tal-Statutory Notice fir-rigward tal-Complaints, kopja ta' liema Statutory Notice qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok F;

Illi, l-atturi jaghmlu referenza ghall-ittra ufficjali taghhom iddatata l-1 ta' Ottubru, 2013 li ggib in-numru 3020/13, fejn l-konvenuti intalbu jersqu ghal hlas tal-ammont kollu ta' tlett elef mitejn u tnejn u tletin Ewro u tmenin centezmu (€3,232.80) izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, kopja ta' liema ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. G;

Illi, ghaldaqstant minhabba l-motivi hawn premessi il-konvenuti ghandhom, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsu l-ammont shih hawn fuq riportat ta' tlett elef mitejn u tnejn u tletin Ewro u tmenin centezmu (€3,232.80), flimkien mal-ispejjez kollha ta' din l-istanza u inkluzi ukoll dawk tal-ittra ufficjali ddatata, flimkien ma' l-imghax legali".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata Mediterranean Insurance Brokers Limited minnha pprezentata fl-20 ta' Marzu, 2014** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-socjeta esponenti mhijiex l-assikuratrici tal-atturi imma hija biss wahda miz-zewg Brokers involuti u ghaldaqstant bhala Broker kienet qed tagixxi favur l-interessi tas-socjeta attrici u mhux kontriha. Ghalhekk mhijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza. Qed tigi annessa kopja ta' ittra ufficjali mibghuta bhala risposta lis-socjeta attrici (Dok. A);

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, hija inetika min naha tal-atturi li fit-talba taghhom jirreferu ghal korrispondenza meta huma stess jammettu li l-istess korrispondenza kienet qeghda issir Minghajr Pregudizzju;

4. Illi fid-dokument anness u mmarkat bhala Dok E fit-talba tal-atturi, huma stess qed igibu prova illi huma kienu tardivi biex jinnotifikaw lill-esponenti bl-incident u l-esponenti ghamluha cara illi huma kienu xorta sejrin ihallsu l-claim zda minghajr pregudizzju. Ghalhekk anke minhabba din it-tardivita xejn aktar ma hu dovut;

5. Illi intant minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-assikurati (socjeta attrici) u d-ditta assikuratrici ghandhom jimxu mad-dettami tal-polza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-esponenti umilment jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez.

L-atturi min issa ngunti in subizzjoni"

Ra l-verbal tas-7 ta' April, 2014 fejn Dottor Etienne Calleja ghar-rikorrenti talab l-isfilz tar-risposta tas-socjeta intimata Mediterranean Insurance Brokers u dan stante li s-socjeta intimata ma pprezentatx ir-risposta taghha fit-terminu previst mil-Ligi. Ra d-digriet tieghu stess ta' l-istess data u li permezz taghha cahad it-talba ghall-isfilz tar-risposta imsemmija.

Ra li skond ma jirrizulta mill-verbal tas-7 ta' April, 2014 is-socjeta intimata Galea Insurance Brokers Limited debitament notifikata fil-25 ta' Frar, 2014 baqghet ma pprezentat l-ebda risposta u gie pprezentat kapitolu fil-konfront taghha.

Ra l-verbal tat-3 ta' Lulju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu li jigu msejha fil-kawza Lloyd's Malta Limited, MIB Insurance Agency Limited u Amlin Corp. Members Limited. Ra r-rikors imressaq mir-rikorrenti fis-7 ta' Novembru, 2014 fejn talbu li jigu msejha fil-kawza l-imsemmija socjetajiet. Ra r-risposta tas-socjeta intimata MIB Insurance Brokers Limited datata 24 ta' Novembru, 2014. Ra d-digriet tieghu datat 27 ta' Novembru, 2014 u li permezz tieghu gew imsejha fil-kawza s-socjetajiet Lloyds Malta Limited u MIB Insurance Agency Limited.

Ra ukoll li fl-istess seduta tas-27 ta' Novembru, 2014 it-Tribunal ghamel referenza ghar-risposta ta' MIB Insurance Brokers Limited datata 24 ta' Novembru 2014 fejn irrizulta li s-socjeta Amlin Corporate Member Limited hija socjeta estera u hija rapprezentata hawn Malta minn MIB Insurance Brokers Limited.

**Ra r-risposta tas-socjeta msejha fil-kawza Lloyds (Malta) Limited minnha pprezentata fis-27 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "1. Illi t-talbiet fil-konfront taghhom huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;
>
> 2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, referenza issir ghall-ittra ufficjali datat 1 ta' Ottubru 2013 mibghuta mill-atturi I.G. Enterprises Limited lill-esponent Lloyds (Malta) Limited (Dok. 1). L-istess Lloyds (Malta) Limited jirreferu ghan-nota li huma pprezentaw skont il-ligi fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali (Dok. 2). F'dik in-nota ai fini tal-art. 48A (5) tal-Insurance Business Act – Kap 403 tal-Ligijiet ta' Malta huma ddikjaraw li l-ismijiet tal-membri migburin fis-sindakati li qed jissottoskrivu l-polza numru 001835-CCC-003 valida mit-3 ta' Gunju 2012 sat-2 ta' Gunju, 2013 (kopja ta' liema polza kienet annessa mal-istess ittra ufficjali u immarkata bl-ittra A) kienu s-segwenti:
>
> AMLIN CORPORATE MEMBER SYNDICATE 2001 u dawn kif rapprezentati minn MIB Insurance Agency Limited.
>
> 3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ghalhekk Lloyds (Malta) Limited ma kellha qatt tkun ingunta bhala konvenuta ghaliex l-underwriters ta' din il-polza ta' assikurazzjoni kienu biss AMLIN CORPORATE SYNDICATE 2001 u dawn kif rapprezentati minn MIB INSURANCE AGENCY LIMITED.

4. Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, Lloyds (Malta) Limited ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhumiex il-legittimi kontraditturi. Ghalhekk l-ispejjez ta' Lloyds (Malta) Limited ghandhom jigu sopportati mill-atturi li kienu avzati u notifikati minn hafna zmien ilu dwar min kienu l-assikuraturi ta' din il-polza;

5. Intant minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra ghal dak li jirrigwarda it-talbiet maghmula fl-avviz l-eccipjenti qedin jirrespingu il-pretensjonijiet edotti mill-atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-atturi kienu tardivi sabiex jaghmlu il-claim taghhom u dan skont id-dettami tal-polza ta' assikurazzjoni. Qed tigi annessa kopja tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok 3).

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-eccipjenti MIB Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Amlin kienu bona gratia offrew (u dan bla pregudizzju) hlas tal-hsarat u danni riskontrati mill-atturi bi tnaqqis tal-excess u tal-vat u dan skont il-ligi u skont l-istess kondizzjonijiet tal-polza. F'kaz li terzi huma jew jistghu jinzammu responsabbli ghad-danni kawzati allura MIB Insurance Agency Limited kienu jkunu jistghu jagixxu ghar-risarciment ta' dak talvolta imhallas lill-atturi (u dan a bazi tas-surroga wara il-hlas) u fl-istess proceduri issir it-talba ghan-nom tal-assikurat (li ikun attur fl-istess proceduri mad-ditta assikuratrici) ghall-hlas tal-excess li ser ikollu ihallas l-istess assikurat skont il-polza tieghu. Ara korrispondenza skambjata (Dok 4).

8. Illi f'kull kaz l-eccipjenti ma ghandhomx ihallsu ghall-ispejjez tal-kawza"

**Ra r-risposta tas-socjeta MIB Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera AMLIN Corporate Member Syndicate 2001 minnha pprezentata fis-27 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet fil-konfront taghhom huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, referenza issir ghall-ittra ufficjali datat 1 ta' Ottubru 2013 mibghuta mill-atturi I.G. Enterprises Limited lill-esponent Lloyds (Malta) Limited (Dok. 1). L-istess Lloyds (Malta) Limited jirreferu ghan-nota li huma pprezentaw skont il-ligi fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali (Dok. 2). F'dik in-nota ai fini tal-art. 48A (5) tal-Insurance Business Act – Kap 403 tal-Ligijiet ta' Malta huma ddikjaraw li l-ismijiet tal-membri migburin fis-sindakati li qed jissottoskrivu l-polza numru 001835-CCC-003 valida mit-3 ta' Gunju 2012 sat-2 ta' Gunju, 2013 (kopja ta' liema polza kienet annessa mal-istess ittra ufficjali u immarkata bl-ittra A) kienu s-segwenti:

AMLIN CORPORATE MEMBER SYNDICATE 2001 u dawn kif rapprezentati minn MIB INSURANCE AGENCY LIMITED.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, ghalhekk Lloyds (Malta) Limited ma kellha qatt tkun ingunta bhala konvenuta ghaliex l-underwriters ta' din il-polza ta' assikurazzjoni kienu biss AMLIN CORPORATE SYNDICATE 2001 u dawn kif rapprezentati minn MIB INSURANCE AGENCY LIMITED.

4. Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, Lloyds (Malta) Limited ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li mhumiex il-legittimi kontradditturi. Ghalhekk l-ispejjez ta' Lloyds (Malta) Limited ghandhom jigu sopportati mill-atturi li kienu avzati u notifikati minn hafna zmien ilu dwar min kienu l-assikuraturi ta' din il-polza;

5. Intant minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra ghal dak li jirrigwarda it-talbiet maghmula fl-avviz l-eccipjenti qedin jirrespingu il-pretensjonijiet edotti mill-atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-atturi kienu tardivi sabiex jaghmlu il-claim taghhom u dan skont id-dettami tal-polza ta' assikurazzjoni. Qed tigi annessa kopja tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok 3).

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra l-eccipjenti MIB Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Amlin kienu bona gratia offrew (u dan bla pregudizzju) hlas tal-hsarat u danni riskontrati mill-atturi bi tnaqqis tal-excess u tal-vat u dan skont il-ligi u skont l-istess kondizzjonijiet tal-polza. F'kaz li terzi huma jew jistghu jinzammu responsabbli ghad-danni kawzati allura MIB Insurance Agency Limited kienu jkunu jistghu ghar-risarciment ta' dak talvolta imhallas lill-atturi (u dan a bazi tas-surroga wara il-hlas) u fl-istess proceduri issir it-talba ghan-nom tal-assikurat (li ikun attur fl-istess proceduri mad-ditta assikuratrici) ghall-hlas tal-excess li ser ikollu ihallas l-istess assikurat skont il-polza tieghu. Ara korrispondenza skambjata (Dok 4).

8. Illi f'kull kaz l-eccipjenti ma ghandhomx ihallsu ghall-ispejjez tal-kawza"

Ra r-rikors ta' mressaq minn Galea Insurance Brokers fit-18 ta' Frar, 2015 u li permezz taghha talbet sabiex hija tiggustifika n-nuqqas taghha li tipprezenta risposta u sabiex konsegwentement it-Tribunal jawtorizzaha tressaq r-risposta taghha. Ra li bin-nota mressqa mir-rikorrenti fis-seduta tat-22 ta' April, 2015 it-Talba giet ceduta fil-konfront ta' l-imsemmija socjeta u konsegwentement, it-Tribunal qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tar-rikors taghha.

Ra n-nota tar-rikorrenti mressqa mir-rikorrenti u li permezz taghha huma cedew it-Talba fil-konfront tas-socjetajiet intimati Mediterranean Insurance Brokers Limited u Galea Insurance Brokers u s-socjeta msejjha fil-kawza Lloyds (Malta) Limited (fol. 102 u 103).

Ir-rikorrenti stqarrew li "*dan ifisser li t-talba ser titkompla fil-konfront ta' MIB Insurance Agency Limited*" (fol. 103).

Ra l-verbal tal-21 ta' Jannar, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand is-socjeta msejha fil-kawza MIB Insurance Agency Limited il-hlas tas-somma ta' tlett elef mitejn tnejn u tletin euro u tmenin centezmi ta' euro [€3,232.80c] rapprezentanti danni li ggarbet l-opra tal-bahar bl-isem ta' Eezee 1 fil-magni

taghha meta nhar it-13 ta' Ottubru, 2012 hija kienet involuta f'incident marittimu.

2. Is-socjeta msejha fil-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera AMLIN Corporate Member Syndicate 2001 laqghet ghat-talbiet tar-rikorrenti billi qalet li t-talbiet fil-konfront taghhom huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Qalet ukoll li r-rikorrenti kienu tardivi sabiex jaghmlu il-claim taghhom u dan skont id-dettami tal-polza ta' assikurazzjoni u li l-offerta maghmula minnha ghan-nom ta' Amlin kienet bona gratia u bla pregudizzju sabiex jaghmel tajjeb ghall-hsarat u danni riskontrati mir-rikorrenti. Hija naqset l-excess u l-VAT skond il-ligi u skont l-istess kondizzjonijiet tal-polza. Illi ghalhekk ma ghandhomx ihallsu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra;

3. **Xehed Ivan Zammit** li qal li s-socjeta rikorrenti hija operator fis-settur tat-turizmu u fost affarijiet ohra taghmel tours b'lanca bin-numru ta' registrazzjoni S18724. Qal li dwar l-incident mertu tal-kaz kellu jigi l-Master li kien inkarigat mill-lanca dak-in-nhar u cioe Gilbert Bugeja. Qal li dan Bugeja kien infurmah li meta l-lanca kienet ankrata Kemmuna flimkien ma xi dghajjes ohra, kien hemm dghajsa li laqtet il-magni tal-lanca u minhabba f'hekk huwa kellu jmur l-port ta' l-Imgarr gewwa Ghawdex. Meta l-lanca rritornat l-port ta' Tas-Sliema, huwa seta jara l-hsarat li garbet il-lanca. Qal li l-lanca kienet assigurata mal-Mediterranean Insurance brokers Limited tramite l-brokers Galea Insurance Brokers Limited. Il-hsara in kwistjoni kienet circa €3400. Peress li baqa ma ntlahaq l-ebda ftehim dwar il-hlas tal-hsarat ma' l-assikurazzjoni, kellha ssir din il-kawza.

4. **Xehed John Camilleri**, rapprezentant tal-Mediterranean Insurance Brokers Limited li qal li l-involviment tas-socjeta minnu rapprezentata kienet ta' broker u allura hija tkun qed tirraprezenta lill-klijent ma socjeta assikurattiva ohra. Qal li d-dokument B (fol. 5) kien jiskadi fit-2 ta' Gunju, 2012 filwaqt li

l-incident mertu tal-kaz sehh f'Ottubru, 2012. Qal li c-certifikat hareg minn MIB Insurance Agency Limited li poggiet ir-riskju intier ma' Amlin Syndicate 2001 ta' Lloyds.

5. **Xehed Dr Robert Vassallo**, Legislation and Compliance Manager fi hdan id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting. Qal li fit-13 ta' Ottubru, 2012 kien sehh incident gewwa l-Blue Lagoon, Kemmuna. Qal li kien hemm numru ta' dghajjes li dahlu go xulxin minhabba buffura rih li kienet ghamlet. Kienu anke sahansitra nqatghu xi cimi f'dan l-incident. Muri l-*email* esebita a fol. 100 tal-process, huwa qal li din kienet *email* mibghuta mill-Kaptan Gilbert Bugeja tal-bastiment bl-isem ta' Eezee 1. Huwa kkonferma li dak riportat fl-imsemmija *email* huwa identiku ghar-rapport li kien ghamel ma' l-Awtorita l-Kaptan Bugeja meta din kienet investigat il-kaz.

6. **Xehed Josef Galea**, assistant divisional director tas-socjeta MIB Insurance Agency Limited. Qal li l-bastiment bl-isem ta' Eezee 1 isejjah lil Ivan Gerald Zammit li da parti tieghu kien kellem lil Galea Insurance brokers dwar incident li kien sehh bil-bastiment inmsemmi. Galea Insurance brokers da parti taghha kienet kelmet lil MIB Insurance Brokers Limited li kienet poggiet l-insurance tal-bastiment mas-socjeta MIB Insurance Agency Limited. Din ta' l-ahhar kienet qeghda tirraprezenta lis-Syndicate ta' Lloyds Amlin. Kompla jghid li fit-13 ta' Ottubru, 2012 kien sehh incident fejn kien involute il-bastiment imsemmi, u huma bhala assigurazzjoni kienu gew notifikati bih hames (5) xhur wara li kien sehh. Qal li fil-polza ta' l-assikurazzjoni hemm imnizzel li huma ghandhom jigu nfurmati immedjatament meta jsehh incident izda minkejja dan in-nuqqas, huma xorta wahda imxew mal-polza billi offrew li jhallsu l-hsarat li kienet garrab il-bastiment Eezee 1. Qal li s-socjeta minnu rapprezentata kienet ghamlet offerta lis-socjeta rikorrenti izda din ma kienitx accettata. L-offerta skond id-dok. JG 1 kienet ta' €1,239.66 wara li tnaqqas il-VAT u l-excess tal-polza (fol. 100). Qal li l-VAT element tnaqqas peress li s-socjeta rikorrenti "*hija entita kummercjali u allura l-ispejjez tal-VAT tkun tista tirreklamhom bhala spejjez tal-kumpanija*" (fol. 116). Zied ighid li "*mill-ammont reklamat li kien*

*qieghed jitolbu r-rikorrenti skont il-polza ahna naqqasna biss l-element tal-excess u l-element tal-VAT. L-excess bilfors kellu jithallas galadarba ha jaghmel claim maghna u l-VAT kif diga ghidt il-bqija ahna konna qeghdin naghtu l-ammont li kien qieghed jitlobna*" (fol. 116). Ghar-rigward ta' l-excess, ix-xhud qal li s-socjeta rikorrenti ma rieditx thallsu dan l-ammont izda "*kif diga xehed ir-rapprezentant ta' Transport Malta l-kagun tal-incident kienet il-buffura rih abnormali li sehhet u allura ma tistax tpoggi subghajk fuq min ghandu r-responsabbilita ghar-rigward ta' dan l-incident*" (fol. 116). Kompla jghid li s-socjeta kjamata fil-kawza dehrilha li r-rikorrenti kellhu jhallas ghal dan l-excess. Qal ukoll li "*jekk ovvjament ir-rikorrenti jiffirmaw is-subrogation form allura ahna jekk naraw li jkun hemm kaz li nistghu nressqu l-Qorti u hu cioe r-rikorrenti jidhlu huma wkoll maghna sabiex ikun jista jirkupra l-excess imhallas minnu*" (fol. 116).

7. Ra l-email datata 4 ta' Dicembru, 2012 mibghuta minn Gilbert Bugeja, li kien qieghed isuq il-bastiment Eezee 1 dak in-nhar li inqala l-incident. Skond ma jirrizulta minn din l-email, li baqghet ma gietx ikkonfermata bill-gurament mill-imsemmi Gilbert Bugeja, l-bastiment Helena G ikkawzat il-hsarat fil-*cover* tal-magni tal-bastiment Eezee 1 u dan meta l-"*stern ropes come undone causing her to drift onto my vessel*" (fol. 108) u dan meta ghal habta tat-3:45p.m. "*a storm rapidly approached us from the north west. In no time the rain started squalling bringing about very strong winds*" (fol. 108). Kompla qal li "*MVP Romantica's head rope had come loose drifting into mv Helena G. Both vessels being stern to shore with Helena G and Romantica port side with the wind blowing on their starboard side*" (fol. 108).

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-posizzjoni mehuda mis-socjeta MIB Insurance Agency Limited kienet dik korretta u li mill-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti kellu jitnaqqas l-ammont ta' l-excess u l-ammont tal-VAT. Ghar-rigward tal-excess jinghad li s-socjeta MIB Insurance Agency Limited stqarret li jekk hija jidhrilha li r-responsabbilita ghal akkadut kienet

ta' xi terz, allura hija ma kienitx issib raguni l-ghala s-socjeta rikorrenti tidhol maghha fi proceduri gudizzjarji kontra min kien responsabbli ghal akkadut sabiex tkun tista tigbor l-ispejjez in konessjoni ma da nil-hlas ta' l-excess. Pero, kif inhu l-istat attwali tal-kaz, u mill-provi migbura, jirrizulta li s-socjeta MIB Insurance Agency Limited kienet gustifikata fil-posizzjoni li hadet f'dan il-kaz. Ghalhekk, l-excess kellu jitnaqqas, ovvjament bir-riserva li jekk l-istess socjeta MIB Insurance Agency Limited tiehu xi procedure kontra xi persuna, l-istess socjeta rikorrenti ghandha tkun parti mill-proceduri sabiex tkun tista tigbor lura dan l-ammont minnha mhallas. L-istess haga jinghad ghar-rigward tal-ammont tal-VAT. Is-socjeta rikorrenti bhala socjeta kummercjali ghandha dritt tirreklama lura dan l-ammont mill-ammont li hija thallas sabiex issir it-tiswija fuq il-hsarat. Huwa minnu li ghal ewwel trid tohrog dan l-ammont ta' VAT ma' l-ammont li hija ser thallas pero imbaghad hija tkun tista tirreklamah lura meta tigi biex taghmel il-konteggi taghha mad-Dipartiment tal-VAT. L-argument tas-socjeta rikorrenti li l-ammont ta' VAT "*jiddependi fuq cirkostanzi futuri li huma essenzjalment marbutin mal-futur incert ekonomiku tal-attivita tas-socjeta*" (fol. 118) ma giex ippruvat. Ghalhekk anke dan l-ammont sejjer jitnaqqas.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta kjamata fil-kawza MIB Insurance Agency Limited kull fejn dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' elf, mitejn disgha u tletin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€1,239.66] u konsegwentement qieghed jikkundanna lis-socjeta kjamata fil-kawza thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mitejn disgha u tletin euro u sitta u sittin centezmi ta' euro [€1,239.66] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tal-fatt li l-ammont li gie likwidat mit-Tribunal huwa l-istess ammont li kienet offriet is-socjeta kjamata fil-kawza meta kienet saret t-talba lilha, liema talba ma gietx accettata mir-rikorrenti, ikun xieraq li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta rikorrenti.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**